# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali
# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Diane Vella )

Vs

Daniele Armeni

Illum 17 ta` Frar, 2025

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijet  fil-konfront ta’Daniele Armeni, bin Leonard u Susan nee Duca imwieled fit-23/02/1994 u joqghod 42, Madonna ta` Lourdes, Triq Maisabelle, San Gwann ID 101094M.

Billi int akkuzat talli fl-24 ta’ Jannar, 2024 ghall-habta ta’ 22.40 hrs u fil-hin ta` qabel gewwa  Triq il-Qajjenza, B`Bugia u gewwa dawn il-gzejjer soqt vettura b’numru ta’ registrazzjoni DSL 004;

1. U aktar meta b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, tat-traffiku, nvolontarjament ikkagunajt offizi ta` natura hafifa fuq il-persuna ta` Deemer Spiteri skond kif iccertifika minn diversi tobba Art. 226(1) (c) Kap 9

2. b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghek jew b’nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkagunajt hruq jew ghamilt hsarat jew gharraqt xi haga ghad-dannu ta` Deemer Spiteri Art. 328(d) Kap 9.

3. b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghek jew b’nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkagunajt hruq jew ghamilt hsarat jew gharraqt xi haga ghad-dannu tal-Kunsill Lokali ta` Birzebbugia. Art. 328(d) Kap 9.

4. soqt l-imsemmija vettura b`manjiera traskurata Art. 15(1)(a)(2) Kap 65.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija minhabba li tinfliggi il-piena skond il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabilit mill-L.S. 65.18 Art. 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikolu226(1)(c) 328(d) tal-Kap 9 Art 15(1)(a)(2) Kap 65 fil L.S. 65.18 Art 36B u -LS 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta’ Malta

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**PS 133 JC Mangion u t-Tabib Roderick Bonello xehdu perezz ta` affidavit.**

**Owen Ciantar u Louis Zammit** ezebew diversi dokumenti

**L-ispettur Wayne Bonello** xehed dwar l-involviment tieghu f`dan l-incident.

**Neil Borda** xehed dwar d-dinamika tal-incident

**Scott Camilleri** xehed dwar l-incident

**Ikkunsidrat**

Illi ma hemmx prova “beyond a reasonable doubt “ li l-imputat Daniele Armeni kien responsabbli ghall-vettura DSL 004 fil-mument tal-incident u bhekk ma jirrizultawx l-ewwel (1) tieni(2) tielet (3) jew raba(4) imputazzjoni.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l- artikolu 226(1)(c) 328(d) tal-Kap 9 u Art 15(1)(a) (2) kap 65 Kap 65 Art 36 B il-LS65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta’ Malta ma ssibx lil

Daniele Armeni hati tal-imputazzjonijiet fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**